MALTA

# QORTI ĊIVILI

## SEZZJONI TAL-FAMILJA

## ONOR. IMĦALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Illum 3 ta' Frar, 2016

Mandat t'Inibizzjoni Numru 291/15

**Desiree Lowell Borg (ID No. 350365M)**

**vs.**

**Michael Lowell (ID No. 738861M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Desiree Lowell Borg** (minn issa "ir-rikorrenti") ikkonfermat bil-ġurament minnha stess fil-15 ta' Diċembru, 2015 fejn permezz tiegħu, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, talbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (minn issa "il-Mandat") li permezz tiegħu din il-Qorti żżomm l-intimat milli jbiegħ, jittrasferixxi, jew jiddisponi *inter vivos* mill-proprjetà tal-komunjoni mobbli jew immobbli b'titolu oneruż jew gratuwit u/jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u/jew personali u dana sabiex tiġi salvagwardjata il-komunjoni tal-akkwisti u b'mod partikolari l-appartament internament

numerat 72, b'entratura numru 68, The Strand, Sliema akkwistat waqt iż-żwieġ permezz ta' att pubbliku tan-Nutar Pierre Attard tal-11 ta' Jannar, 1995, ivvalutat €575,000 skont Dokument RS1 anness mar-Rikors.

Ir-rikorrenti fl-istess rikors irrilevat li l-komunjoni tal-akkwisti kienet ġiet xjolta b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Ottubru, 2005 u billi qed jirriżulta li l-assi tal-komunjoni jistgħu ma jkunux daqshekk likwidabbli, għandha nteress tikkawtela l-kreditu tagħha billi tissalvagwardja s-sehem indiviż tal-intimat fuq il-fond imsemmi.

Rat id-digriet tal-15 ta' Diċembru, 2015 illi bih din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament, u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

Rat illi l-atti tar-Rikors, d-Digriet u l-Avviż tas-Smigħ ġew debitament notifikati lill-kontroparti skont il-ligi.

Rat ir-Risposta tal-intimat **Michael Lowell** (minn issa "l-intimat") ippreżentata fit-12 ta' Jannar, 2016 li permezz tiegħu oppona għat-talba tar-rikorrenti abbażi ta' raġunament li fis-sustanza tiegħu huwa dan:

1. għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jinħtieġ jiġu ppruvati kumulattivament żewġ elementi, l-ewwel li hemm dritt *prima facie* u t-tieni li jekk ma jinħariġx ir-rikorrent isofri preġudizzju irrimedjabbli;

2. fl-atti tal-mandat ta' sekwestru tal-1 ta' April 2013 ippretendiet li sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti jiswa biss €529,095 mentri fir-rikors odjern, sentejn u nofs biss wara, ir-rikorrenti qed tippretendi li sehemha jammonta għal kważi d-doppju u ċjoè €1,000,000.

Kwindi mhux biss ir-rikorrenti ma ppruvatx *prima facie* l-ammont minnha pretiz talli għandu jsir rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija minħabba ġurament falz stante fiż-żewġ mandati l-ammonti ġew ikkonfermati bil-ġurament tar-rikorrenti.

3. il-fond in kwistjoni huwa d-dar matrimonjali li skont Artiklu 3A tal-Kodiċi Ċivili ma tistax tiġi trasferita lil terzi ħlief bil-kunsens tal-partijiet jew bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti. Trasferiment bi ksur ta' din id-disposizzjoni tal-liġi jista' jiġi annullat permezz ta' azzjoni li tinġieb fi żmien sena. B'dan il-mod il-liġi nnifisha qed tipprovdi rimedju speċifiku u għalhekk huwa nieqes ir-rekwiżit ta' preġudizzju meħtieġ bl-Artiklu 873(1) tal-Kap. 12 jekk il-mandat ma jinħariġx.

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti kollha tal-mandat.

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Rat li r-rikors ġie mħolli għal digriet kamerali.

Rat l-Art. 873 sa l-Art. 877 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Skont l-Artikolu 873(1) tal-Kap. 12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-Mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, ghalhekk, joħorgu żewġ elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

Fl-ewwel lok, irid juri *prima facie* li għandu xi dritt li jrid iħares u t-tieni, li l-Mandat huwa meħtieġ sabiex jitħares id-dritt minnu pretiż. Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat. [Ara s-sentenza fl-ismijiet **V&C Contractors Limited et vs. Direttur tal-Kuntratti** deċiża fil-31 ta' Jannar, 2011 (JZM)].

Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieg għall-ħruġ tal-Mandat. Għalhekk, biex tkun tistħoq ħarsien, il-pretensjoni trid tkun waħda ta' **jedd**, anke jekk *prima facie*. **Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib.**[1]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell irriteniet li "huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie,* mal-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."[2]

Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-preġudizzju. Rikonoxxut il-

---

[1] Ara digriet Qorti tal-Kummerċ mogħti fis-26 ta' Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pullicino noe vs. Caruana Curran noe et** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).

[2] Sentenza tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża **Grech pro et noe vs. Manfrè** (Kollez. Vol. LXXII.II.295).

jedd *prima facie* tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi għall-akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju **"li ma jkunx jista' jiġi irrimedjat".**

Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.[3]

Illi apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli **meta jista' jiġi mħares mod ieħor** skont il-liġi:

> *"Tqis illi huwa ukoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għall-kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*[4]

Dan huwa hekk peress illi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala **mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali**:

> *"... il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem...".*[5]

Illi ġie ammonit mill-Qrati tagħna li:

> *"Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni **m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting)** lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi*

[3] Digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili deċiż fit-2 ta' Jannar, 1993 - atti tar-rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Avukat Victor Borġ Grech vs. Joseph Gasan et noe.**
[4] Digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et** deċiż fit-13 ta' Mejju, 2014 (JRM). Ara wkoll **IWT Group Malta Ltd vs. Direttur Generali Kuntratti et** deċiż fil-11 ta' Marzu, 2003.
[5] Ara **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** deċiża fil-25 ta' Jannar, 2005 (JRM).

*li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."*[6]

Illi għandu jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix.

Tajjeb jingħad ukoll li proċedura ta' din ix-xorta hija ntiża sabiex tkun **sommarja**, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi illi inġabu a konjizzjoni ta' din il-Qorti, jirriżulta illi r-rikorrenti għandha *prima facie* jedd x'tikkawtela li jikkonsisti f'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti sakemm ġiet imwaqqfa mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015.

Huwa minnu dak li jeċepixxi l-intimat fir-risposta tiegħu li fil-mandat ta' sekwestru tal-1 ta' April, 2013 ippretendiet li sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti jiswa biss €529,095 mentri fir-rikors odjern, sentejn u nofs biss wara, ir-rikorrenti qed tippretendi li sehemha jammonta għal kważi d-doppju u ċjoè €1,000,000.

Ir-rikorrenti tirribatti li hi fis-sena 2013 kienet għadha ma skoprietx x'inhuma l-assi kollha tal-komunjoni tal-akkwisti peress li skont hi l-intimat kien iħalliha fl-għama dwar l-attivitajiet finanzjarji tiegħu. Dan mhux

[6] Digriet tat-18 ta'Lulju 2008 fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti.**

inverosimili billi l-mandat ta' sekwestru sar biss ftit xhur wara li bdiet il-kawża tas-separazzjoni. Huwa daqstant ieħor minnu li minbarra d-dar matrimonjali hemm fil-komunjoni tal-akkwisti ġid ieħor li jikkomprendi depositi bankarji, avvjament ta' restorant u l-mobbli ta' ġo fih, vetturi, ishma f'kumpaniji u negozju redittizju ġestit mill-intimat, kif jirriżulta mill-prospett esibit mir-rikorrenti a fol. 134 tal-proċess. B'danakollu r-rikorrenti ma ġġustifikatx, lanqas b'mod approssimattiv, kif waslet għall-ammont ta' miljun euro bħala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

Fi kwalunkwe każ, hu kemm hu l-valur ta' sehem ir-rikorrenti mill-komunjoni tal-akkwisti, li kien meħtieġ li turi r-rikorrenti f'din il-proċedura sommarja kien li jekk ma jinħariġx il-Mandat hija kienet sejra ssofri preġudizzju irrimedjabbli.

Illi skont l-Artikolu 3A(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *"Il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tagħha għal trasferiment tista' ġġib azzjoni għall-annullament ta' trasferiment li ma jkunx sar skont is-subartikolu (2), f'għeluq sena minn meta t-trasferiment ikun ġie reġistrat".*

Permezz ta' dan l-artikolu l-leġislatur ħoloq rimedju biex jipproteġi b'mod effettiv lil min ikollu interess fid-dar matrimonjali. Huwa minnu li sabiex tirrikorri għal dan ir-rimedju r-rikorrenti trid tiftaħ kawża, imma billi kif ġjà ngħad iktar 'il fuq il-proċedura tal-mandat ta' inibizzjoni hija waħda eċċezzjonali li għandha tiġi invokata biss meta ma jkunx hemm rimedju proċedurali ieħor disponibbli, mhux permissibbli li jiġi ppreżentat mandat ta' inibizzjoni miflok tintuża din il-proċedura – proċedura, wara kollox, li tkun waħda skjetta bl-oneru sempliċi, bħala prova, li jiġi prodott il-kuntratt opportun.

Mhix raġuni valida fil-liġi li kawża tinvolvi xi spejjeż. Ġaladarba l-leġislatur ħass li għandu jipprovdi dan ir-rimedju speċjali, bi proċedura partikolari – dik ta' kawża – hija din il-proċedura li għandha tiġi segwita jekk u meta jinqala' l-bżonn fl-eventwalità li jinbiegħ is-sehem indiviż mid-dar matrimonjali, u mhux dik eċċezzjonali ta' mandat ta' inibizzjoni li ssir *a priori.*

Barra minn hekk, fil-każ tar-rikorrenti, ir-residenza matrimonjali qiegħda fil-pussess esklussiv tagħha, biċ-ċwievet f'idejha biss u diffiċilment jista' wieħed jimmaġina lil xi ħadd jixtri s-sehem indiviż tar-raġel f'dawn iċ-ċirkostanzi. Għalhekk f'dan il-każ jonqos it-tieni rekwiżit għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, billi jekk ma jinħariġx, ir-rikorrenti ma tista' ssofri l-ebda preġudizzju li mhux rimedjabbli u l-ħruġ ta' mandat bħal dan mhuwiex meħtieġ *sine qua non* għall-protezzjoni tal-pretensjonijiet tagħha.

Għaldaqstant l-Qorti tqis illi ma jikkonkorrux l-elementi kostituttivi meħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti:**

**Tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha datat 15 ta' Diċembru, 2015, sa fejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju.**

**Tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimata billi ma ntweriex illi jirriżultaw l-elementi kollha mitluba mill-liġi għall-ħruġ tiegħu.**

**Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.**

**Mogħti kameralment fit-3 ta' Frar, 2016.**

--------------------TMIEM---------------------